MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 262/2013

**A B f'isimha proprio u bhala kuratrici tal-minuri Latishia D**

**vs**

**C D**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti u zewgha kienu zzewgu nhar it-tmienja (8) ta' Lulju

elf disgha mija tnejn u disghin (1992);
2. Illi huma kienu sseparaw ai termini ta’ kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall datat tlettax (13) ta’ Jannar elfejn u ghaxra (2010);
3. Illi l-intimat C D ilu residenti fil-kacilita’ korrettiva ghal madwar disgha (9) snin fejn allura ilu jghix gewwa Kordin mis-sena cirka elfejn u hamsa (2005) u f’dan iz-zmien huwa qatt ma hareg minn hemmhekk;
4. Illi l-esponenti kienu ilhom separati di facto minn qabel ma l-intimat dahal gewwa l-facilita korrettiva ta’ Kordin u l-esponenti lanqas biss kienet taghmel visti lill-intimat stante li huma ma kellhomx relazzjoni tajba;
5. Illi l-minuri Latishia D li twieldet nhar it-tmintax (18) ta’ Lulju elfejn u sitta (2006) zgur mhix bint l-intimat C D ghaliex ir-relazzjoni ta’ l-esponenti u ta’ l-intimat C D kienet ilha li spiccat ferm qabel ma l-intimat C D kien mar il-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u qatt ma rega’ kien hemm rikonciljazzjoni bejniethom;
6. Illi fil-fatt ai termini ta’ l-istess kuntratt ta’ separazzjoni hawn fuq imsemmi, il-partijiet qablu li l-minuri Latishia D mhix bint l-intimat C D;

Talbet fl-isfond tas-suespost li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara li l-minuri L D mhix il-bint naturali ta’ l-intimat C D;
2. Tordna lill-intimat Registru Pubbliku sabiex jemmenda c-certifikat tat-twelid tal-minuri numru 2297/2006 fis-sens illi fil-kolonna fejn hemm indikat ‘C D’ (Pieta’ Malta) tigi mhassra u jigu ndikati l-kliem ‘missier mhux maghruf’;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

**1.** Illi preliminarjament jiġi rilevat li fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri Latishia D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti għalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, l-esponenti xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri Latishia D, li r-rikorrenti tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-allegat missier naturali ħalli b’hekk dan ikun jista’ jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili**. Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ħa titlef l-istat ta’ bint imwielda u mnissla fiż-żwieġ tal-inqas għandha tkun taf min huwa l-missier naturali tagħha;

**3.** Illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b’mod definittiv liema kunjom għanda tassumi l-minuri Latishia D;

4. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u għaldaqstant huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri Latishia D *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieldet nhar it-18 ta' Lulju 2006[1] twieldet fiz-zwieg *stante* li hi u zewgha l-intimat C D dak iz-zmien kienu biss separati *de facto* u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mil-ligi, l-istess minuri giet imnizzla bhala l-wild naturali tal-istess intimat imsemmi, l-istess minuri m'hijiex bintu naturali izda l-wild naturali ta' missier mhux maghruf. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li C D mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti b'missier mhux maghruf.

Min-naha tieghu, l-intimat C D ma pprezenta ebda risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci f'dawn il-proceduri, izda waqt is-smiegh tal-kawza, precizament nhar id-19 ta' Frar 2014[2], l-intimat D ddikjara li m'huwiex il-missier tal-istess minuri.

**<u>Il-Verzjoni tar-Rikorrenti</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[3] tiddikjara li hija zzewget lill-intimat C D fit-8 ta' Lulju 1992 b'dan li sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku fit-13 ta' Jannar 2010. Tghid li l-intimat D ilu zmien twil il-habs u qatt ma hareg minn hemmhekk. Tghid li ma kellhomx relazzjonijiet intimi ghal

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 4 tal-process
[2] Ara a fol 24 tal-process
[3] Esebit a fol 27 tal-process

dawn l-ahhar sittax (16) –il sena. Tghid li l-minuri hija wild ta' terz li m'ghandhiex kuntatt mieghu. Ma tafx fejn hu missier l-istess minuri. Taghlaq billi tghid li hija certa li C D m'huwiex il-missier naturali tal-minuri Latishia.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tal-intimat C D u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet ippruvata.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet esebit in atti[4] u datat it-13 ta' Jannar 2010 u li permezz tieghu l-attrici u l-intimat D sseparaw legalment. Dan naturalment ifisser li fiz-zmien tat-twelid tal-minuri, l-partijiet kienu ghadhom legalment mizzewgin. Permezz tal-istess kuntratt il-partijiet kienu diga' ddikjaraw li l-minuri Latishia m'hijiex il-wild naturali tal-intimat C D

Il-Qorti tirrileva li ghalkemm kien ikun aktar ghaqli li kieku l-partijiet issottomettew ruhhom ghat-test tad-DNA li huwa meqjus bhala l-prova regina fi kwistjonijiet ta' din in-natura, jidher li huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tal-intimat. Il-fatt li l-istess intimat kien u ghadu fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, il-fatt li l-istess partijiet iddikjaraw fuq il-kuntratt ta' separazzjoni taghhom li l-istess minuri m'hijiex bintu kif ukoll il-fatt li l-attrici tikkontendi fir-rikors promotur li ma kienitx tmur tara lill-intimat gewwa l-habs, fl-assjem taghhom juru li fil-verita' m'hemm ebda dubju li l-intimat D m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri.

[4] Ara a fol 5 tal-process

Il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li kollha jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex tissorpassa u teghleb il-presunzjonijiet legali msemmija minnu stess kif ukoll dwar il-possibilita' li l-istess rikorrenti tindika l-persuna li tista' tkun tali missier sabiex jigi kjamat fil-kawza. Ghal dak li jirrigwarda l-presunzjonijiet legali, l-Qorti terga' taghmel referenza ghal dak li diga' intqal aktar 'il fuq.

Tenut kont ukoll tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn jikkontendi li l-minuri ghandha tkun taf min hu verament missierha u li hu fl-ahjar interess tal-istess minuri li tali persuna jigi msejjah fil-kawza, jigi rilevat li dan baqa' mhux possibbli stante li r-rikorrenti ma taghti ebda hjiel dwar min hu dan u tiddikjara li ma tafx fejn qieghed. Il-Qorti m'ghandha ebda hjiel dwar min jista' jkun tali persuna u konsegwentement jdejha huma marbutin fuq din il-kwistjoni u ser ikollha tordna li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jigi mibdul sabiex jindika 'missier mhux maghruf'. Dan peress illi, minn banda gie kkonfermat u pruvat li l-intimat mhux il-missier tal-istess minuri, filwaqt li gie konfermat ukoll li l-missier mhux maghruf, jew ahjar li r-rikorrenti m'ghandha ebda dettalji fuqu.

Illi in vista ta' dak suespost il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jinghelbu l-presunzjonijiet legali sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri hekk kif mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri L D m'hijiex il-bint naturali tal-intimat C D;

(2) Tilqa’ t-tieni talba hekk kif dedotta b’dan li kunjom il-minuri ghandu jkun dak ta’ B.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------